

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Dokument ta' sessjoni

A6-0109/2009

24.2.2009

*****I**

RAPPORT

dwar il-proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-għotja ta' garanzija Komunitarja lill-Bank Ewropew tal-Investment kontra telf minn self u garanziji għal self għall-proġetti barra mill-Komunità (COM(2008)0910 – C6-0025/2009 – 2008/0268(COD))

Kumitat għall-Baġits

Rapporteur: Esko Seppänen

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- **I Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- **II Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni
- *** Proċedura ta' kunsens
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE
- ***I Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- ***II Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni
- ***III Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa **qawwija u korsiva**. Fil-każ ta' atti li jemendaw, il-partijiet li jittieħdu kif inhum minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-Kummissjoni ma tkunx emendat, huma indikati b'tipa **qawwija**. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...]. Test *korsiv normal* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvjji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ

Pàġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	5
NOTA SPJEGATTIVA	15
PROCĊEDURA	17

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-għotja ta' garanzija Komunitarja lill-Bank Ewropew tal-Investment kontra telf minn self u garanziji għal self għall-proġetti barra mill-Komunità (COM(2008)0910 – C6-0025/2009 – 2008/0268(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2008)0910),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 251 u l-Artikoli 179 u 181(a) tat-Trattat KE, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0025/2009),
 - wara li ikkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A6-0109/2009),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Emenda 1

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) Il-politiki tar-relazzjonijiet esterni tal-Komunità ġew riveduti u mwessa' fl-aħħar snin. Dan kien speċjalment il-każ għall-Istrateġija ta' Qabel l-Adeżjoni għall-Politika tal-Viċinat Ewropew, għall-isħubiji l-ġodda mal-Amerika Latina u max-Xlokk tal-Ażja kif ukoll għas-Sħubija Strateġika tal-UE mar-Russja, mal-Ażja Ċentrali, maċ-Ċina u mal-Indja.

Emenda

(6) Il-politiki tar-relazzjonijiet esterni tal-Komunità ġew riveduti u mwessa' fl-aħħar snin. Dan kien speċjalment il-każ għall-Istrateġija ta' Qabel l-Adeżjoni għall-Politika tal-Viċinat Ewropew, għall-isħubiji l-ġodda mal-Amerika Latina u max-Xlokk tal-Ażja kif ukoll għas-Sħubija Strateġika tal-UE mar-Russja, mal-Ażja Ċentrali, maċ-Ċina u mal-Indja. ***Dan huwa iżjed u iżjed il-każ fir-rigward tal-politiki Komunitarji għall-iżvilupp, li issa ġew estiżi ħalli jinkludu lill-pajjiżi kollha li***

qegħdin jiżviluppaw. Dawn il-politiki għall-iżvilupp huma wieħed mill-pilastru tar-relazzjonijiet esterni tal-Komunità, li jagħtu soluzzjoni li tkun imfassla apposta għall-ħtiġijiet tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li tgħid il-prattiki tas-self tal-Bank Ewropew għall-Investment f'konformità mar-rekwiżiti tal-iżvilupp li kienu ġew iċċarati mid-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja tas-6 ta' Novembru 2008, C-155/07.

Emenda 2

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

7. Ir-relazzjonijiet esterni tal-Komunità ġew sostnuti wkoll mill-istrumenti finanzjarji ġodda mill-2007, jiġifieri, l-IPA, l-ENPI, id-DCI u mill-Istrument għall-Istabbiltà.

Emenda

*7. Mill-2007, ir-relazzjonijiet esterni tal-Komunità ġew sostnuti wkoll mill-istrumenti finanzjarji ġodda, jiġifieri, l-IPA, l-ENPI, id-DCI, **l-EIDHR** u mill-Istrument għall-Istabbiltà.*

Emenda 3

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

*(8) L-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI għandhom ikunu konsistenti **ma' u għandhom isostnu l-politiki** esterni tal-Komunità inklużi l-għanijiet reġjonali speċifiċi. Billi jassigura koerenza ġenerali mal-azzjonijiet tal-Komunità, il-finanzjament tal-BEI għandu jkun kumplimentari għal politiki, programmi u strumenti ta' assistenza Komunitarja korrespondenti fir-reġjuni differenti. Barra minn hekk, il-protezzjoni tal-ambjent u s-sigurtà tal-enerġija tal-Istati Membri għandhom jiffurmaw parti mill-miri ta' finanzjament tal-BEI fir-reġjuni eleġibbli kollha. L-Operazzjonijiet ta' Finanzjament*

Emenda

*(8) L-Operazzjonijiet ta' Finanzjament ta' l-EIB għandhom ikunu konsistenti **mal-linji politiċi** esterni tal-Komunità inklużi għanijiet reġjonali speċifiċi, **u jappoġġjawhom, u għandhom jikkontribwixxu biex jintlaħaq l-għan ġenerali li jkunu promossi u kkonsolidati d-demokrazija u l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, u l-osservanza tal-ftehimiet internazzjonali dwar l-ambjent li tagħhom huma firmatarji l-Komunità Ewropea jew l-Istati Membri tagħha. L-aktar fir-rigward tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI***

tal-BEI għandhom isiru f'pajjiżi li jikkonformaw ma' kondizzjonijiet xierqa li huma konsistenti ma' ftehimiet ta' livell għoli tal-Komunità dwar aspetti politiċi u makroekonomiċi.

għandhom irawmu l-iżvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli f'dawn il-pajjiżi, b'mod speċjali f'dawk l-iżjed żvantaġġjati fosthom; l-integrazzjoni bla intoppi u gradwali tagħhom fl-ekonomija dinjija; il-kampanja kontra l-faqar; l-għan ġenerali tal-iżvilupp u t-tiżiż tad-demokrazija u l-istat tad-dritt; l-għan ġenerali tar-rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali; kif ukoll il-konformità mal-għanijiet ġenerali approvati mill-Kummissjoni fil-kuntest tan-Nazzjonijiet Uniti u ta' organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti oħrajn. Billi jassigura koerenza ġenerali mal-azzjonijiet tal-Komunità, il-finanzjament tal-BEI għandu jkun kumplimentari għal politiki, programmi u strumenti ta' assistenza Komunitarja korrespondenti fir-regġuni differenti. Barra minn hekk, il-protezzjoni tal-ambjent u s-sigurtà tal-enerġija tal-Istati Membri għandhom jiffurmaw parti mill-miri ta' finanzjament tal-BEI fir-regġuni eleġibbli kollha. L-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI għandhom isiru f'pajjiżi li jikkonformaw ma' kondizzjonijiet xierqa li huma konsistenti ma' ftehimiet ta' livell għoli tal-Komunità dwar aspetti politiċi u makroekonomiċi.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li tgħid il-prattiki tas-self tal-Bank Ewropew għall-Investment f'konformità mar-rekwiżiti tal-iżvilupp li kienu ġew iċċarati mid-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja tas-6 ta' Novembru 2008, C-155/07.

Emenda 4

Proposta għal deċiżjoni Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) Fir-rigward tal-pajjiżi ta' Qabel l-Adeżjoni, il-finanzjament tal-BEI f'dawk il-pajjiżi għandu jirrifletti l-prijoritajiet li ġew stabbiliti fis-Sħubijiet tal-Adeżjoni u

Emenda

(10) Fir-rigward tal-pajjiżi ta' Qabel l-Adeżjoni, il-finanzjament tal-BEI f'dawk il-pajjiżi għandu jirrifletti l-prijoritajiet li ġew stabbiliti fis-Sħubijiet tal-Adeżjoni u

dawk Ewropej, fil-ftehimiet ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni u fin-negozjati mal-Komunità. L-attenzjoni ffokata fuq l-azzjoni tal-Komunità fil-Balkani tal-Punent għandha tkompli taqleb progressivament minn sostenn għal rikostruzzjoni għal sostenn ta' qabel l-adeżjoni. F'dan il-kuntest, l-attività tal-BEI għandha, barra minn hekk, tfittex ukoll li tinkoraġġixxi l-aspett tal-bini tal-istituzzjonijiet, fejn ikun rilevanti, f'kooperazzjoni mal-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali l-oħra ('IFIs') li huma attivi fir-reġjun. Matul il-perjodu 2007-2013, il-finanzjament lill-pajjiżi kandidati (il-Kroazja, it-Turkija u l-ex-Repubblika *Jugożlawa* tal-Maċedonja) għandu jsir dejjem aktar taħt il-Faċilità ta' Qabel l-Adeżjoni li saret disponibbli mill-BEI, li għandha tiġi estiża maż-żmien biex tkopri l-pajjiżi kandidati potenzjali fil-Balkani tal-Punent skont il-progress tal-proċess ta' adeżjoni tagħhom.

Emenda 5

Proposta għal deċiżjoni Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) *Taħt il-mandat tal-Viċinat Ewropew*, il-BEI għandu jkompli u jikkonsolida l-operazzjonijiet tiegħu ***fir-reġjun*** tal-Mediterran, *iżid il-fokus* tiegħu fuq l-iżvilupp tas-settur privat. F'dan ir-rigward, hemm bżonn ta' kooperazzjoni minn pajjiżi sħab biex ikun iffaċilitat l-iżvilupp tas-settur privat u t-tħeġġiġ ta' riforma strutturali, b'mod partikolari riforma fis-settur finanzjarju, kif ukoll miżuri oħrajn biex jiffaċilitaw l-attivitajiet tal-BEI, b'mod partikolari biex ikun żgurat li l-BEI jkun jista' joħroġ bonds fis-swieq lokali. Fir-rigward tal-Ewropa tal-Lvant, tal-Kawkasu t'Isfel u tar-Russja, il-BEI għandu jtejjeb l-attivitajiet tiegħu fil-pajjiżi

dawk Ewropej, fil-ftehimiet ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni u fin-negozjati mal-Komunità. L-attenzjoni ffokata fuq l-azzjoni tal-Komunità fil-Balkani tal-Punent għandha tkompli taqleb progressivament minn sostenn għal rikostruzzjoni għal sostenn ta' qabel l-adeżjoni. F'dan il-kuntest, l-attività tal-BEI għandha, barra minn hekk, tfittex ukoll li tinkoraġġixxi l-aspett tal-bini tal-istituzzjonijiet, fejn ikun rilevanti, f'kooperazzjoni mal-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali l-oħra ('IFIs') li huma attivi fir-reġjun. Matul il-perjodu 2007-2011, il-finanzjament lill-pajjiżi kandidati (il-Kroazja, it-Turkija u l-ex-Repubblika *Jugoslava* tal-Maċedonja) għandu jsir dejjem aktar taħt il-Faċilità ta' Qabel l-Adeżjoni li saret disponibbli mill-BEI, li għandha tiġi estiża maż-żmien biex tkopri l-pajjiżi kandidati potenzjali fil-Balkani tal-Punent skont il-progress tal-proċess ta' adeżjoni tagħhom.

Emenda

(11) *Fir-rigward tal-pajjiżi li jaqgħu taħt l-ENPI*, il-BEI għandu jkompli jikkonsolida l-operazzjonijiet tiegħu ***fir-rigward tar-reġjun*** tal-Mediterran, *u jżid l-attenzjoni* tiegħu fuq l-iżvilupp tas-settur privat. F'dan ir-rigward, hemm bżonn ta' kooperazzjoni minn pajjiżi sħab biex ikun iffaċilitat l-iżvilupp tas-settur privat u t-tħeġġiġ ta' riforma strutturali, b'mod partikolari riforma fis-settur finanzjarju, kif ukoll miżuri oħrajn biex jiffaċilitaw l-attivitajiet tal-BEI, b'mod partikolari biex ikun żgurat li l-BEI jkun jista' joħroġ bonds fis-swieq lokali. Fir-rigward tal-Ewropa tal-Lvant, tal-Kawkasu t'Isfel u tar-Russja, il-BEI għandu jtejjeb l-

kkonċernati b' mod konformi mal-kondizzjonalità xierqa li hija konsistenti ma' ftehimiet ta' livell għoli tal-Komunità mal-pajjiż ikkonċernat dwar aspetti politiċi u makroekonomiċi. F'dan ir-reġjun, il-BEI għandu jiffinanzja proġetti ta' interess sinifikanti għall-Komunità fl-infrastruttura tat-trasport, tal-enerġija, tal-mezzi ta' telekomunikazzjoni u tal-ambjent. Għandha tingħata prijorità lil proġetti fuq l-assi prijoritarja tan-Netzwerk Trans-Ewropew, proġetti b'implikazzjonijiet transkonfinali għal Stat Membru wieħed jew aktar u proġetti prinċipali li jiffavorixxu l-integrazzjoni reġjonali permezz ta' konnettività akbar. Fis-settur ambjentali, fir-Russja l-BEI għandu jagħti prijorità partikolari lill-proġetti fi ħdan il-qafas tas-Sħubija Ambjentali tad-Dimensjoni tat-Tramuntana. Fis-settur tal-enerġija, proġetti strateġiċi għall-provvista tal-enerġija u għat-transport tal-enerġija huma ta' importanza partikolari. L-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI f'dan ir-reġjun għandhom jitwettqu b'koperazzjoni mill-qrib mal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp ("l-EBRD"), b' mod partikolari skond it-termini li jridu jiġu stabbiliti f'Memorandum ta' Ftehim tripartitiku bejn il-Kummissjoni, il-BEI u l-EBRD.

attivitajiet tiegħu fil-pajjiżi kkonċernati b' mod konformi mal-kondizzjonalità xierqa li hija konsistenti ma' ftehimiet ta' livell għoli tal-Komunità mal-pajjiż ikkonċernat dwar aspetti politiċi u makroekonomiċi. F'dan ir-reġjun, il-BEI għandu jiffinanzja proġetti ta' interess sinifikanti għall-Komunità fl-infrastruttura tat-trasport, tal-enerġija, tal-mezzi ta' telekomunikazzjoni u tal-ambjent. Għandha tingħata prijorità lil proġetti fuq l-assi prijoritarja tan-Netzwerk Trans-Ewropew, proġetti b'implikazzjonijiet transkonfinali għal Stat Membru wieħed jew aktar u proġetti prinċipali li jiffavorixxu l-integrazzjoni reġjonali permezz ta' konnettività akbar. Fis-settur tal-enerġija, proġetti strateġiċi għall-provvista tal-enerġija u għat-transport tal-enerġija huma ta' importanza partikolari. Fis-settur tal-enerġija, proġetti strateġiċi għall-provvista tal-enerġija u għat-transport tal-enerġija huma ta' importanza partikolari, ***b' mod konformi mal-għan tal-politika Komunitarja li jiġu ddiversifikati s-sorsi tal-enerġija u bil-ħsieb li jiġu ggarantiti riżorsi stabbli u sikuri għall-konsumaturi***. L-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI f'dan ir-reġjun għandhom jitwettqu b'koperazzjoni mill-qrib mal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp ("l-EBRD"), b' mod partikolari skond it-termini li jridu jiġu stabbiliti f'Memorandum ta' Ftehim tripartitiku bejn il-Kummissjoni, il-BEI u l-EBRD.

Emenda 6

Proposta għal deċiżjoni Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

15. Bil-għan li titjeb il-koerenza tal-appoġġ ġenerali tal-Komunità fir-reġjuni kkonċernati, għandhom jiġu esplorati

Emenda

15. Bil-għan li titjeb il-koerenza tal-appoġġ ġenerali tal-Komunità fir-reġjuni kkonċernati, għandhom jiġu esplorati

opportunitajiet biex jiġi kkombinat il-finanzjament tal-BEI mar-riżorsi baġitarji tal-Komunità bix-xieraq, fil-forma ta' sostenn għall-għotjiet, ta' kapital ta' riskju u ta' sussidju għar-rati tal-interess flimkien ma' għajnuna teknika għall-preparazzjoni, għall-implimentazzjoni jew għat-titjib tal-proġetti tal-qafas legali u regolatorju, permezz tal-IPA, l-ENPI, l-Istrumenti għall-Istabbiltà u, għall-Afrika ta' Isfel, id-DCI.

Emenda 7

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

17. Ir-rappurtaġġ mill-BEI u mill-Kummissjoni dwar l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI **għandu jissaħħaħ**. Fuq il-bażi tal-informazzjoni li *tasal mingħand* il-BEI, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI mwettqa *taħt* din id-Deċiżjoni. Ir-rapport għandu, b'mod partikolari, jinkludi taqsima fuq il-valur miżjud b'mod konformi mal-politiki tal-Komunità, u taqsima dwar il-kooperazzjoni mal-Kummissjoni, IFIs oħrajn u donaturi bilaterali, inkluż dwar il-kofinanzjament.

Emenda 8

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni

(18) Il-garanzija tal-Komunità stabbilita b'din id-Deċiżjoni għandha tkopri Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI ffirmati matul *perjodu* li jibda nhar l-1 ta' Frar 2007 u li jintemm **fil-31 ta' Diċembru**

opportunitajiet biex jiġi kkombinat il-finanzjament tal-BEI mar-riżorsi baġitarji tal-Komunità bix-xieraq, fil-forma ta' sostenn għall-għotjiet, ta' kapital ta' riskju u ta' sussidju għar-rati tal-interess flimkien ma' għajnuna teknika għall-preparazzjoni, għall-implimentazzjoni jew għat-titjib tal-proġetti tal-qafas legali u regolatorju, permezz tal-IPA, l-ENPI, l-Istrumenti għall-Istabbiltà, ***l-EIDHR*** u, għall-Afrika ta' Isfel, id-DCI.

Emenda

17. Ir-rappurtaġġ **u t-trażmissjoni tal-informazzjoni** mill-BEI u mill-Kummissjoni dwar l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI **għandhom jissaħħu**. Fuq il-bażi tal-informazzjoni li *tgħaddilha* l-BEI, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI mwettqa *fl-ambitu ta'* din id-Deċiżjoni. Ir-rapport għandu **jkun fih**, b'mod partikolari, **id-dokumenti ta' programmar strateġiku** u jinkludi taqsima fuq il-valur miżjud b'mod konformi mal-politiki tal-Komunità, u taqsima dwar il-kooperazzjoni mal-Kummissjoni, IFIs oħrajn u donaturi bilaterali, inkluż dwar il-kofinanzjament.

Emenda

(18) Il-garanzija tal-Komunità stabbilita b'din id-Deċiżjoni għandha tkopri Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI ffirmati matul *il-perjodu* li jibda nhar l-1 ta' Frar 2007 u li jintemm **fil-31 ta'**

2013. Sabiex ikunu *kapaċi jwieżnu* l-iżviluppi matul l-ewwel nofs ta' dak il-perjodu, il-BEI u l-Kummissjoni għandhom jippreparaw reviżjoni ta' nofs it-terminu ta' din id-Deċiżjoni. Din ir-reviżjoni għandha tinkludi b'mod partikolari evalwazzjoni esterna li t-termini ta' referenza tagħha huma speċifikati fl-Anness II.

Awwissu 2011. Sabiex ikunu *jistgħu jqisu* l-iżviluppi matul l-ewwel nofs ta' dak il-perjodu, il-BEI u l-Kummissjoni għandhom jippreparaw reviżjoni ta' nofs it-terminu ta' din id-Deċiżjoni. Din ir-reviżjoni għandha tinkludi b'mod partikolari evalwazzjoni esterna li t-termini ta' referenza tagħha huma speċifikati fl-Anness II.

Emenda 9

Proposta għal deċiżjoni Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni

(23) Madankollu, il-Qorti ordnat li l-effetti tad-Deċiżjoni 2006/1016/KE jinżammu għall-arranġamenti ta' finanzjament li jkun sar impenn fuqhom qabel id-dħul fis-seħħ, fi *ħdan perjodu ta' 12-il xahar mid-data tal-ħruġ tal-imsemmija sentenza*, ta' deċiżjoni ġdida adottata fuq il-bażi legali x-xierqa, jiġifieri l-Artikoli 179 KE u 181a KE flimkien.

Emenda

(23) Madankollu, il-Qorti ordnat li l-effetti tad-Deċiżjoni 2006/1016/KE jinżammu għall-arranġamenti ta' finanzjament li jkun sar impenn fuqhom qabel id-dħul fis-seħħ, fi *żmien 12-il xahar mid-data tal-ħruġ tas-sentenza msemmija*, ta' deċiżjoni ġdida adottata fuq il-bażi legali x-xierqa, jiġifieri l-Artikoli 179 KE u 181a KE flimkien. ***Din is-sentenza timplika li l-proċedura tal-kodeċiżjoni issa ser tapplika għall-attivazzjoni tal-mandat fakultattiv, għall-eleġibilità tal-pajjiżi mniżżla fl-Anness I, u għas-sospensjoni tal-finanzjament tal-BIE f'pajjiż speċifiku fil-każ ta' tħassib serju dwar is-sitwazzjoni politika jew ekonomika.***

Emenda 10

Proposta għal deċiżjoni Premessa 24 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(24a) Madankollu, din id-Deċiżjoni għandha tiġi adottata mingħajr telf ta' żmien waqt li jkun żgurat li l-prerogattivi tal-Parlament Ewropew jiġu rrispettati

bis-sħiħ; minħabba dik ir-raġuni, il-Kummissjoni għandha tressaq, qabel it-28 ta' Frar 2010, proposta għal deċiżjoni ġdida waqt li tqis ukoll il-konklużjonijiet tar-reviżjoni ta' nofs it-terminu.

Emenda 11

Proposta għal deċiżjoni Premessa 24 b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(24b) Dik il-proposta għal deċiżjoni ġdida għandha tindirizza, fost oħrajn, il-kwistjoni ta' aktar skrutinju mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill tad-deċiżjonijiet baġitarji u politiċi kollha meħuda mill-BEI u l-Kummissjoni fil-qafas ta' dik id-Deċiżjoni l-ġdida, il-kwistjoni ta' trasparenza tal-mekkaniżmu kollu ta' finanzjament, u l-kwistjoni tal-limitazzjoni tal-garanzija Komunitarja meta mqabbla mal-krediti minfuqa.

Emenda 12

Proposta għal deċiżjoni Premessa 24 c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(24c) It-tressiq ta' proposta għal deċiżjoni ġdida tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill sat-28 ta' Frar 2010 huwa aktar u aktar meħtieġ minħabba li din id-Deċiżjoni se tiskadi fil-31 ta' Awwissu 2011.

Emenda 13

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 1 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. Il-garanzija Komunitarja għandha tkopri l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI ffirmati matul *perjodu* li beda fl-1 ta' Jannar 2007 u li jintemm **fil-31 ta' Diċembru 2013**. L-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI ffirmati skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/1016/KE u skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/847/KE għandhom ikomplu jibbenefikaw mill-garanzija Komunitarja skont din id-Deċiżjoni.

Emenda

6. Il-garanzija Komunitarja għandha tkopri l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI ffirmati matul *il-perjodu* li beda fl-1 ta' Jannar 2007 u li jintemm **fil-31 ta' Awwissu 2011**. L-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI ffirmati skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/1016/KE u skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/847/KE għandhom ikomplu jibbenefikaw mill-garanzija Komunitarja skont din id-Deċiżjoni.

Emenda 14

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, rapport ta' nofs it-terminu dwar l-applikazzjoni ta' din id-deċiżjoni mhux aktar tard **mit-30 ta' Ġunju 2010**, akkompanjat, **bix-xieraq, bi** proposta *għall-emendar tiegħu*, filwaqt li tibbaża fuq evalwazzjoni esterna li t-termini ta' referenza tagħha huma speċifikati fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

Emenda

1. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, rapport ta' nofs it-terminu dwar l-applikazzjoni ta' din id-deċiżjoni mhux aktar tard **mit-28 ta' Frar 2010**, akkompanjat *minn* proposta *sabiex dan jiġi emendat*, filwaqt li tibbaża *wkoll* fuq evalwazzjoni esterna li t-termini ta' referenza tagħha huma speċifikati fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

Emenda 15

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 11

Test propost mill-Kummissjoni

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tagħha

Emenda

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tagħha *fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u*

NOTA SPJEGATTIVA

Daħla

Din il-proposta għal Deċiżjoni titratta t-tiġdid tal-garanzija baġitarja Komunitarja lill-EIB kontra t-telf minn self f'pajjiżi terzi.

Minħabba li l-Qorti tal-Ġustizzja annullat id-Deċiżjoni 2006/1016/KE attwali, u minħabba li l-effetti ta' din id-Deċiżjoni se jibqgħu validi sas-6 ta' Novembru 2009, il-Kummissjoni qed tressaq proposta ġdida sabiex il-garanzija Komunitarja tibqa' applikabbli.

L-isfond tas-Sentenza tal-Qorti

Il-kwistjoni tal-bażi legali tqajmet waqt il-proċedura leġislattiva (2006/0107(CNS)) biex tkun adottata d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/1016/KE, peress li r-relevanza tal-Artikolu 181a tat-Trattat kienet ikkontestata mill-Parlament.

Attwalment, jidher li bażi legali doppja kienet tkun aktar xierqa (l-Artikolu 181a flimkien mal-Artikolu 179), minħabba li ħafna pajjiżi eleġibbli skont l-Anness I huma pajjiżi li qed jiżviluppaw skont il-lista tal-OECD. B'konsegwenza ta' dan, il-Parlament ikkontesta l-għażla tal-bażi legali fil-Qorti tal-Ġustizzja (kawża C-155/07), u sostna li, bħala pajjiżi li qed jiżviluppaw, għandhom ikunu applikabbli ż-żewġ artikoli.

Fis-6 ta' Novembru 2008, il-Qorti iddeċidiet li:

- id-Deċiżjoni attwali 2006/11016/KE tkun annullata
- l-effetti tagħha se jibqgħu validi għal perjodu ta' 12-il xahar
- id-deċiżjoni l-ġdida għandha tkun adottata skont bażi legali doppja, l-Artikoli 179 u 181a, li timplika proċedura ta' kodeċiżjoni.

Il-proposta l-ġdida

Meta mqabbla mad-Deċiżjoni 2006/1016/KE annullata, il-proposta l-ġdida għal Deċiżjoni hi differenti fuq numru limitat ta' punti, fosthom:

- referenza għall-bażi legali doppja tal-Artikoli 179 u 181a KE, li timplika l-użu tal-proċedura ta' kodeċiżjoni biex tkun adottata d-Deċiżjoni kollha.
- bħala konsegwenza, hemm referenza għall-Parlament Ewropew bħala koleġislatur, fost oħrajn, dwar l-attivazzjoni tal-mandat fakultattiv (l-Artikolu 1 par. 3(b)), dwar l-eleġibilità tal-pajjiżi mniżżla fl-Anness I u mmarkati b' "*" u pajjiżi oħra mhux imniżżla fl-Anness I (l-Artikolu 2 par. 2), u dwar is-sospensjoni tal-finanzjament ġdid tal-BEI f'pajjiżi speċifiku fil-każ li jkun hemm tħassib serju dwar is-sitwazzjoni politika jew ekonomika (l-Artikolu 2 par.4).
- l-inklużjoni tal-ħames pajjiżi tal-Asja Ċentrali fil-lista ta' pajjiżi eleġibbli mniżżla fl-Anness

Proċedura mħaffa u aspetti tranżizzjonali

Madankollu, fil-proposta tal-Kummissjoni hemm nieqes element ewlieni.

Attwalment, din il-proposta għandha tinftiehem bħala waħda "mħaffa" u "tranżizzjonali";

- "mħaffa" biex titqies id-diffikultà li jkun hemm proċedura ta' kodeċiżjoni regolari qabel is-6 ta' Novembru 2009 minħabba l-elezzjonijiet tal-Parlament (fl-2009, għal aktar minn erba' xhur, il-Plenarja mhux se tkun f'pożizzjoni li tiegħu deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet leġiżlattivi);

- "tranżizzjonali" minħabba li għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-BEI f'Deċiżjoni ġdida li tkun kodeċiża;

Għal dawn ir-raġunijiet, ir-rapporteur jixtieq li jsir limitu ta' żmien ċar għas-sekwenza tat-testi leġiżlattivi li jitrattaw l-ġhoti tal-garanzija Komunitarja għal self estern mill-BEI, sabiex ikunu affermati l-prerogattivi tal-Parlament wara s-Sentenza tal-Qorti:

- l-effetti tad-Deċiżjoni 2006/1016/KE annullata jiskadu fis-6 ta' Novembru 2009

- id-Deċiżjoni attwali se tiskadi f'data preċiża, li għad trid tkun definita mill-Kunsill

- il-proposta li jmiss għal Deċiżjoni, waqt li tqis il-konklużjonijiet tar-reviżjoni ta' nofs it-terminu, għandha tkun ippreżentata qabel tmiem il-mandat attwali tal-Kummissjoni; l-iskadenza proposta hi t-28 ta' Frar 2010.

Fl-aħħar nett, ir-rapporteur jixtieq ifakkar li l-Parlament diġà, fil-proċeduri li għaddew, esprima, fost oħrajn, it-tħassib tiegħu dwar il-koerenza bejn din id-Deċiżjoni u l-politiki esterni tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt f' pajjiżi terzi, it-tħassib tiegħu dwar in-nuqqas ta' skrutinju fuq diversi deċiżjonijiet baġitarji jew mhux baġitarji tal-BEI u tal-Kummissjoni, u t-tħassib tiegħu dwar il-perċentwali attwali ta' limitazzjoni tal-garanzija Komunitarja. Hu jenfasizza li dawn il-punti definnittivament se jkollhom ikunu ttrattati waqt il-proċedura ta' kodeċiżjoni.

PROĊEDURA

Titolu	Garanzija Komunitarja lill-Bank Ewropew tal-Investiment	
Referenzi	COM(2008)0910 – C6-0025/2009 – 2008/0268(COD)	
Data meta ġiet ippreżentata lill-PE	14.1.2009	
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 3.2.2009	
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	INTA 3.2.2009	
Opinjoni(jiet) mhux mogħtija Data tad-deċiżjoni	INTA 24.2.2009	
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Esko Seppänen 20.9.2004	
Eżami fil-kumitat	10.2.2009	24.2.2009
Data tal-adozzjoni	24.2.2009	
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 30	–: 0
	0: 0	
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Laima Liucija Andrikiēnē, Richard James Ashworth, Glenn Bedingfield, Reimer Bōge, Costas Botopoulos, Daniel Dăianu, Vasilica Viorica Dăncilă, James Elles, Vicente Miguel Garcés Ramón, Salvador Garriga Polledo, Catherine Guy-Quint, Jutta Haug, Anne E. Jensen, Wiesław Stefan Kuc, Janusz Lewandowski, Vladimír Maňka, Mario Mauro, Alexandru Nazare, Gérard Onesta, Esko Seppänen, Theodor Dumitru Stolojan, László Surján, Ralf Walter	
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Marusya Ivanova Lyubcheva, Paul Rūbig, Margarita Starkevičiūtė, Peter Šťastný	
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Zdzisław Kazimierz Chmielewski, Juan Fraile Cantón, Manolis Mavrommatis	